MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru 367/1999

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO BARTOLO**

**KONTRA**

**JOSEPHINE CASHA ta' 62 sena, bint Joseph u Angela nee' Azzopardi, imwielda l-Imsida nhar it-28.07.1949, residenti fil-fond numru 74, Azzopardi Street, Marsa, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 630149M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmija **Josephine Casha** li giet akkuzata talli:

1. Nhar it-8 ta' Ottubru, 1999, gewwa l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' Lm560.00 fi flus minn gewwa l-Branch tal-Mid Med Bank li jinsab gewwa Triq il-Merkanti,

Valletta, ghad-detriment tal-kumpanija Mid Med Bank Ltd, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-lok;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-8 ta' Ottubru, 1999, u fil-granet ta' qabel, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin, izda anqas minn elf lira, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom;

3. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, kisret il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 28.05.1999 mill-Magistrat Apap Bologna u li saret definittiva, giet ikkundannata ghall-liberta' bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputata wiegbet illi ma kinitx hatja taghhom.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe':

a. Fl-Artikoli 261(c)(e), 267, 269, 279(b), 280, 281, 334, 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali;

b. Fl-Artikoli 5, 9, 10, u 12 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-imputata, moqrija lilha l-istess wiegbet illi ma kellha ebda oggezzjoni li l-kawza taghha tinqata' bi proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi prodotti.

Ikkonsidrat :

Illi-xhieda principali f'din il-kawza huma mpjegati tal-bank derubat cioe' dak iz-zmien il-Mid Med Bank. Ghalhekk ix-xhud Claudia Tanti li kienet tahdem il-bank imsemmi xehdet illi dahlet klijenta l-bank biex tiftah kont u tapplika ghall-Visa card. Talbitha u tatha l-karta ta' l-identita' li x-

xhud qamet biex taghmel fotokopja taghha. Ghalhekk il-clerk iccaqalqet minn mal-counter u marret taghmel l-istess. Xehdet illi qabel ma ghamlet dan, hija dahhlet il-coin tray u t-timbri f'posthom. Pero, minhabba l-fatt illi l-photocopier kienet fil-vicin, hi halliet barra t-tray cioe' l-kexxun u ma sakkritux ghax bdiet tehlilha c-cavetta. Qalet ukoll li fil-fehma taghha l-klijenta ma setatx tara l-istess kexxun. Xehdet illi kif lestiet mill-fotokopji u tat lura l-karta ta' l-identita' lill-klijenta, din qamet u harget. Kif ghadha qed taraha hierga mill-bieb tal-bank, marret fuqha l-manager ta' l-istess u nfurmata li l-klijenta messitilha l-kexxun. Tghid illi ezatt fil-pront hi fethet il-kexxun u sabet neqsin is-somma ta' Lm560.00.  Gharfet lill-klijenta bhala l-imputata prezenti fl-Awla. Xehdet ukoll illi minn gol-kexxun naqsu wkoll pakkett ta' zewg liri Maltin li jkollhom serial number kollha l-istess, dan bhala security feature kontra serq, uzati bhala decoy money. Spjegat illi dawn id-decoy money ma kellhomx bhal flus ohra random serial numbers, pero jkollhom consecutive serial numbers. Spjegat ukoll illi bhala decoy money hija dejjem ikollha l-istess serial number, tibdel biss it-tag.

Marilyn Bottilieri, manger dak iz-zmien mal-Mid Med Bank gewwa Strada Merkanti, xehdet illi hi rat mara ddur hdejn desk, hdejn il-Multi Service Point (MSP). Dan ratu ghax gibdilha l-attenzzjoni l-hoss ta' kexxun jinghalaq. Kien d-desk li minn fuqu kienet isservi Claudia Tanti. Spjegat illi din il-mara minflok kienet qieghda wara d-desk fejn suppost tinqeda, kienet  gejja minn wara d-desk innifsu biex tmur f'postha. Tghid li kif telqet il-klijenta, hi gieghlet lil Tanti tghodd il-flus u hemm indunat li kellha flus neqsin. Spjegat ukoll li min ikun qieghed jaqdi fuq MSP, ikollu sistema ta' decoy money.

Mario Bartolo, security mal-bank derubat, xehed illi d-decoy money li gie misruq mit-till ta' Tanti kellu s-serial number minn A11671101 sa A11671200, cioe' pakkett ta' mitt karta ta' zewg liri-il wahda.

P.S. 845 Peter Cini  kien wiehed involut fit-tfittxija li saret fid-dar ta' l-imputata, hemm meta gholla s-saqqu sab 97 karti ta' Lm2.00-il wahda li kienu nnumerati wara xulxin.

Sab ukoll xi karti ohra taz-zewg liri bin-numri maqbuzin, kif ukoll xi karti tal-flus ohra. Dwar l-istess sejba xehdet ukoll WPC 168 Sharon Briffa.

Rat ukoll l-Atti ta’ l-Inkjesta ezebiti kif ukoll il-konferma ta’ din l-Qorti ta’ l-esperti hemm nominati, (folio 51).

Rat li l-espert tekniku mahtur anke qabbel il-flus elevati minghand l-imputata, cioe’ id-decoy money bhala dawk li gew mehuda mill-kexxun tal-kaxxiera Tanti, folio 15 tar-relazzjoni ta’ l-istess.

Ikkonsidrat :

Illi fl-ewwel lok ghandu jigu premess illi ghar-ragunijiet gia’ stabbiliti mill-Qrati taghna u dawk Ewropej, din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta’ kwalunkwe stqarrija jew dikjarazzjoni maghmula mill-imputata stante li ma kinitx moghtija d-dritt ta’ assistenza legali.

Illi frankament mill-provi prodotti kollox jimmilita favur il-htija ta’ l-imputata. Dwar il-piena kkonsidrat ukoll illi hija kkommetiet reat waqt li kienet qieghda taht Ordni ta’ Probation. Ikkonsidrat ukoll l-ammont minnha misruq kif ukoll il-mod kif imminat l-ghajnuna lilha moghtija mill-iskrivan bankarju, u l-effett ta’ tali serq minn bank ihalli fis-socjeta’ taghna, ghalhekk tqies illi l-piena idoea ghandha tkun wahda karcerarja effettiva ;
Rat l-Artikoli 261(c)(e), 267, 269, 279(b), 280, 281, 334, 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, u l-Artikoli 5, 9, 10, u 12 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs ;

Tilliberaha mill-effetti ta’ l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu tqisu bhala wiehed alternattiv ghal dak ta’ serq.
Rat ukoll illi hija kkommettiet dan ir-reat ftit xhur wara li kienet giet moghtija conditional discharge fuq sensiela ta’ serq ;
Rat ghalhekk l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta u qieghda terga’ tqieghda taht l-istess ordni ghal

zmien sentejn mill-lum, cioe' liberazzjoni kundizzjonata skond l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ;
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputata ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €286.03.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------